MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Numru 281/2000

Illum, 19 ta' Ottubru, 2007

Il-Pulizija
(Spettur Louise Vella)

vs

Alfred Tonna

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Alfred Tonna, ta' 38 sena bin il-mejjet Alfred u Karmena nee' Cachia, imwieled is-Siggiewi nhar it-2 ta' Dicembru 1968 u residenti 34, Triq l-Isqof Mauro Caruana, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 2369(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(a) fi Frar 2000, gewwa l-Furjana ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Mina Tonna kif iccertifikat minn Mr. James Galea BChD FDSRCS (Eng.) ta' l-Oral Surgery Section, Dental Department, l-Isptar San Luqa, liema feriti jiehdu aktar minn tletin gurnata biex ifiequ u ser igibu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f' wahda mill-idejn ta' l-istess martu Mina Tonna u dan kollu bi ksur ta' Artikolu 218(1)(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) u aktar talli sar recediv permezz ta' sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Mejju, 2002 (a folio 73 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) fl-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 49, 50, 383, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Marzu, 2003, l-imputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li fid-19 ta' Frar 2000 il-Pulizjia kienet giet infurmata mill-Oral Surgery Section tal-Isptar San Luqa li certu Mina Tonna li allegatament kienet giet imsawwta minn zewgha, kellha bzonn tigi operata stante li kellha ksur fil-mandibular. Irrizulta inoltre li fit-13 ta' Frar 2000 Mina Tonna kienet tablet l-assistenza tal-Pulizjia tal-Ghassa tal-Belt wara ncident li kellha ma zewgha Alfred Tonna. U cioe' l-imputat odjern. Wara dan l-incident l-imsemmija Mina Tonna cemplet lil-l-Pulizjia ghall-assistenza u marret il-polyclinic ghall-kura.

Fis-6 ta' aprl 2000 l-imputat gie nterrogat mill-Pulizjia tal-Vice Squad fejn huwa rrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 15 sa 17 tal-process) fejn huwa ammetta li fit-13 ta' Frar 2000 kien inqala' argument bejnu u bejn martu u li huwa kien qabad lil martu minn geddumha u sabbatha mal-bieb. Huwa qal ukoll li kien telaq il-barra u martu kient baghtet ghall-assistenza tal-Pulizjia u marret ghall-kura il-polyclinic.

Mix-xhieda ta' Dr. James Galea, li tinsab a fol. 31 tal-process, u senjatament mic-certifikat mediku rilaxxjat minnu (esebit a fol. 29) jirrizulta li Dr. Galea kien it-tabib li ezamina u opera lil Mina Tonna u huwa ccertifika il-girehi minnha sofferti bhala ta' natura gravi ghaliex kien ser ikun hemm xi telf ta'snien minhabba l-frattura fil-mandibular.

Mina Tonna ghazlet li ma tixhidx kontra zewgha f'dawn il-proceduri izda l-Qorti jidrilha li mill-istqarrija tal-istess imputat kif ukoll mix-xhieda ta' PC120 Victor Pace (a fol. 22 u 23) u ta' PS 325 Patrick Bonnici (a fol. 18 u 19) jirizulta li fl-imsemmija data l-imputat kien ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' amrtu meta huwa waqt argument li kellhom kien qabadha minn geddumha u sabbatha mal-bieb. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexielha tipprova l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali.

L-istess ma jistghax jinghad in kwantu jirigwarda t-tieni akkuza, u cioe' dik fejn l-imputat jinsab akkuzat li sar recidiv. Il-Prosekuzzjoni ma resqet ebda prova in sostenn ta' din l-akkuza u gjhalhekk l-imputat ser jigi liberat minnha minhabba nuqas ta' provi.

Ghalkemm mill-fedina pernali tal-imputat (esebita a fol. 8 sa 15 tal-process) jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja, l-Qorti jidrilha li huwa xorta wahda ghandu jinghata l-ahhar opportunita' jiriforma ruhu u jaqbad itr-iq it-tajba u dan stante it-trapass taz-zmien minn meta inhargu l-akkuzi oderni sakemm il-kawza waslet biex tigi deciza. Tul dan it-trapass taz-zmien fil-fatt jidher li l-imputat u martu irrikonciljaw u fil-fatt miz-

zwieg taghhom twieldet tarbija ohra u  inoltre irrizulta wkoll li l-imputat fittex l-ghajnuna sabiex jiirrimedja l-problemi li kellu u gharaf jaqbad it-triq it-tajba

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-6 ta' Mejju 2002 kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt li tiddikjara lill-imputat hati tal-ewwel akkuza tilliberah bil-kundizzjoni li huwa ma jikkommetiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------